## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2016 – Matratzen Concord vs EUIPO (Ganz schön ausgeschlafen)

**(Kawża T-225/16)**

(2016/C 232/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Matratzen Concord GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Selting, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* it-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali "Ganz schön ausgeschlafen" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 610 316

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2016 fil-Każ 1234/2015-1

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti waqt il-proċedimenti.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2016 – Ipuri vs EUIPO – van Graaf (IPURI)

**(Kawża T-226/16)**

(2016/C 232/46)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ipuri GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Sandberg, avukat)

*Konvenut:* L Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* van Graaf GmbH & Co. KG (Vjenna, l-Awstrija)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "IPURI" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 971 021

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Marzu 2016 fil-Każ R 866/2015-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti tal-appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 15 u tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 kif ukoll tar-Regola 22(3) u (4) tar-Regolament Nru 2868/95 u tal-Artikolu 78(1)(f) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(2)(a) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 207/2009.